**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Settembru 2014 – Società Italiana Calzature SpA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Vicini SpA**

**(Kawżi Magħquda C-308/13 P u C-309/13 P)** ([1])

***(Appelli — Trade marks Komunitarji — Regolament (KE) Nru°40/94 — Reġistrazzjoni ta' trade marks figurattivi li fihom l-elementi verbali "GIUSEPPE ZANOTTI DESIGN" u "BY GIUSEPPE ZANOTTI" — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade marks verbali u figurattivi, Komunitarji u nazzjonali, li fihom l-element verbali "ZANOTTI" — Ċaħda tal-oppożizzjoni mill-Bord tal-Appell)***

(2014/C 421/16)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Società Italiana Calzature SpA (rappreżentanti: A. Rapisardi u C. Ginevra, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent), Vicini SpA (rappreżentanti: M. Franzosi u C. Giorgetti, avukati)

**Dispożittiv**

1) *L-appelli huma miċħuda.*

2) *Società Italiana Calzature SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 233, 10.08.2013

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tas- Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Cruz & Companhia Lda vs Instituto de Financiamento da Agricultura e Pescas, IP (IFAP)**

**(Kawża C-341/13)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni — Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Artikolu 3 — Tkomplija ta' irregolaritajiet — Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) — Irkupru tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni indebitament irċevuti — Terminu ta' preskrizzjoni — Applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni nazzjonali itwal — Terminu ta' preskrizzjoni ġenerali — Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi)***

(2014/C 421/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Cruz & Companhia Lda

*Konvenut:* Instituto de Financiamento da Agricultura e Pescas, IP (IFAP)

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal azzjonijiet imressqa mill-awtoritajiet nazzjonali kontra benefiċjarji ta' għajnuna tal-Unjoni wara li jkunu ġew ikkonstatati irregolaritajiet mill-korp nazzjonali inkarigat mill-għoti tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG).*